KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
HOGAN
ippreżentati fl-14 ta' Jannar 2020 [1]

Kawża C-19/19

État belge
vs
Pantochim SA, fi stralċ

(talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Cour de cassation (il-Qorti tal-Kassazzjoni, il-Belġju))

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Direttiva 76/308/KEE — Assistenza reċiproka għall-irkupru ta' talbiet — Direttiva 2008/55/KE — Artikoli 6 u 10 — Direttiva 2010/24/UE — Artikolu 13(1) — Tpaċija tad-dejn tat-taxxa ta' Stat Membru li lilu ssir it-talba permezz ta' talba tat-taxxa rkuprata f'isem l-Istat Membru li jagħmel it-talba — Kwalità tat-talba rkuprata — Interpretazzjoni tat-terminu 'privileġġ'"

I. Introduzzjoni

1. Dan ir-rinviju għal deċiżjoni preliminari jikkonċerna l-interpretazzjoni tal-Artikolu 6(2) u l-Artikolu 10 tad-Direttiva tal-Kunsill 76/308/KEE tal-15 ta' Marzu 1976 dwar l-għajnuna reċiproka għall-irkupru ta' talbiet li jirriżultaw minn ħidmiet li jiffurmaw parti mis-sistema li tiffinanzja l-Fond Agrikolu Ewropew għall-Gwida u Garanzija (FAEGG), u ta' imposti agrikoli u dazji doganali [2] flimkien mat-tieni paragrafu tal-Artikolu 6, u l-Artikolu 10 tad-Direttiva tal-Kunsill 2008/55/KE tas-26 ta' Mejju 2008 dwar l-assistenza reċiproka għall-irkupru ta' talbiet rigward ċerti imposti, dazji, taxxi u miżuri oħra [3].

2. Ir-rinviju sar fil-proċeduri bejn l-État belge (iktar 'il quddiem l-"Istat Belġjan") u Pantochim SA, fi stralċ. Essenzjalment, id-domandi magħmula jirrigwardaw jekk talba tat-taxxa ta' Pantochim fil-konfront tal-Istat Belġjan tistax tpaċi talba ta' taxxa fuq il-valur miżjud (iktar 'il quddiem il-"VAT") tal-Istat Ġermaniż kontra l-istess kumpannija. L-Istat Ġermaniż kien talab assistenza mill-Istat Belġjan fuq il-bażi tad-Direttiva 76/308, kif trasposta fid-dritt Belġjan, sabiex jirkupra d-dejn ikkonċernat.

3. Jiena nipproponi li issa mmorru lura għall-fatti ta' din il-kawża, iżda l-ewwel nett huwa meħtieġ li jiġi stabbilit il-materjal ġuridiku rilevanti.

1 Lingwa oriġinali: l-Ingliż.

2 ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 2, Vol. 1, p. 44.

3 ĠU 2008, L 150, p. 28.

II. Il-kuntest ġuridiku

A. Id-dritt tal-Unjoni

1. Id-Direttiva 76/308

4. L-Artikolu 6 tad-Direttiva 76/308, fil-verżjoni oriġinali tiegħu jipprovdi:

"1. Fuq it-talba ta' l-awtorità applikanti, l-awtorità mitluba għandha, skond il-liġijiet, regolamenti jew dispożizzjonijiet amministrattivi li japplikaw għall-irkupru ta' talbiet bħalhom li jinqalgħu fl-Istat Membru li fih l-awtorità mitluba tkun tinsab, tirkupra talbiet li huma s-suġġett ta' xi dokument li jippermetti l-infurzar tagħhom.

2. Għal dan l-iskop kull talba li għaliha jkun intalab l-irkupru għandha tiġi trattata bħala talba ta' l-Istat Membru li fih l-awtorità mitluba tkun tinsab, […]."

5. L-Artikolu 10 tad-Direttiva 76/308, fil-verżjoni oriġinali tiegħu jipprovdi:

"It-talbiet li jridu jiġu rkuprati m'għandhomx jingħataw trattament preferenzjali fl-Istat Membru li fih l-awtorità mitluba tkun tinsab."

2. Id-Direttiva 2008/55

6. Il-premessa 1 tad-Direttiva 2008/55 tipprovdi:

"Id-Direttiva tal-Kunsill 76/308/KEE tal-15 ta' Marzu 1976 dwar l-assistenza reċiproka għall-irkupru ta' talbiet rigward ċerti imposti, dazji, taxxi u miżuri oħra ġiet emendata diversi drabi b'mod sostanzjali. Għal iktar ċarezza u razzjonalità, l-imsemmija Direttiva għandha tiġi kodifikata."

7. L-Artikolu 6 tad-Direttiva 2008/55 jipprovdi:

"Fuq it-talba ta' l-awtorità applikanti, l-awtorità mitluba għandha, skond il-liġijiet, regolamenti jew dispożizzjonijiet amministrattivi li japplikaw għall-irkupru ta' talbiet bħalhom li jinqalgħu fl-Istat Membru li fih l-awtorità mitluba tkun tinsab, tirkupra talbiet li huma s-suġġett ta' xi dokument li jippermetti l-infurzar tagħhom.

Għal dan l-iskop kull talba li għaliha jkun intalab l-irkupru għandha tiġi ttrattata bħala talba ta' l-Istat Membru li fih l-awtorità mitluba tkun tinsab, […]."

8. L-Artikolu 10 tad-Direttiva 2008/55 jipprovdi:

"Minkejja t-tieni paragrafu ta' l-Artikolu 6, il-pretensjonijiet li għandhom jiġu rkuprati m'għandhomx neċessarjament igawdu mill-privileġġi mogħtija lill-pretensjonijiet li jixbhuhom li jqumu fl-Istat Membru li fih tinstab l-awtorità mitluba."

3. Id-Direttiva 2010/24/UE

9. Id-Direttiva 2008/55 ġiet imħassra b'effett mill-1 ta' Jannar 2012 permezz tal-Artikolu 29 tad-Direttiva tal-Kunsill 2010/24/UE tas-16 ta' Marzu 2010 dwar l-assistenza reċiproka għall-irkupru ta' talbiet relatati ma' taxxi, dazji u miżuri oħra [4].

10. L-Artikolu 10(1) tad-Direttiva 2010/24 jipprovdi:

"Fuq it-talba tal-awtorità applikanti, l-awtorità rikjesta għandha tirkupra talbiet li huma s-suġġett ta' strument li jippermetti l-infurzar fl-Istat Membru applikanti."

11. L-Artikolu 13(1) tad-Direttiva 2010/24 jipprovdi:

"Għall-fini tal-irkupru fl-Istat Membru rikjest, kwalunkwe talba li għaliha tkun saret rikjesta għall-irkupru għandha tiġi ttrattata daqslikieku kienet talba tal-Istat Membru rikjest, għajr fejn huwa pprovdut mod ieħor f'din id-Direttiva. L-awtorità rikjesta għandha tagħmel użu mis-setgħat [mill-kompetenzi] u l-proċeduri pprovduti taħt il-liġijiet, ir-regolamenti jew id-dispożizzjonijiet amministrattivi tal-Istat Membru rikjest li japplikaw għal talbiet li jikkonċernaw l-istess taxxa jew dazju, jew fin-nuqqas ta' dawn, taxxi jew dazji simili, għajr fejn huwa pprovdut mod ieħor f'din id-Direttiva.

[…]

L-Istat Membru rikjest m'għandux ikun obbligat li jagħti lit-talbiet ta' Stati Membri oħrajn il-preferenzi li jagħti lil talbiet simili li jirriżultaw f'dak l-Istat Membru, għajr fejn huwa maqbul mod ieħor bejn l-Istati Membri kkonċernati jew previst fil-liġi tal-Istat Membru rikjest. Stat Membru li jagħti l-preferenzi lit-talbiet ta' Stat Membru ieħor ma jistax jirrifjuta li jagħti l-istess preferenzi lill-istess talbiet jew lil dawk simili ta' Stati Membri oħrajn bl-istess kondizzjonijiet.

[…]"

12. L-Artikolu 13(5) tad-Direttiva 2010/24 jipprovdi:

"Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 20(1), l-awtorità rikjesta għandha tibgħat lill-awtorità applikanti l-ammonti rkuprati fir-rigward tat-talba u l-imgħax imsemmi fil-paragrafi 3 u 4 ta' dan l-Artikolu."

B. Id-dritt Belġjan

13. L-Artikolu 12 tal-loi du 20 juillet 1979 concernant l'assistance mutuelle en matière de recouvrement des créances relatives à certaines cotisations, droits, taxes et autres mesures (il-Liġi tal-20 ta' Lulju 1979 dwar l-assistenza reċiproka għall-irkupru ta' talbiet relatati ma' taxxi, dazji u miżuri oħra) (Moniteur belge tat-30 ta' Awwissu 1979, p. 9457, iktar 'il quddiem il-"Liġi tal-20 ta' Lulju 1979") jipprovdi:

"L-awtorità Belġjana li lilha ssir it-talba għandha tipproċedi bl-irkupri mitluba mill-awtorità barranija applikanti daqslikieku kienu talbiet li joriġinaw mir-Renju [tal-Belġju]".

14. L-Artikolu 15 ta' din il-liġi jgħid:

"It-talbiet li għandhom jiġu rkuprati ma għandhomx jibbenefikaw minn xi privileġġ".

4 ĠU 2010, L 84, p. 1.

15. L-Artikolu 334 tal-loi-programme du 27 décembre 2004 (Moniteur belge tal-31 ta' Diċembru 2004, p. 87006, iktar 'il quddiem il-"Liġi-Programm tas-27 ta' Diċembru 2004") fil-verżjoni applikabbli sas-7 ta' Jannar 2009 jipprovdi:

"Kwalunkwe somma li għandha terġa' titħallas jew li għandha titħallas lil debitur abbażi tad-dispożizzjonijiet legali fuq it-taxxi fuq id-dħul, it-taxxi ttrattati bħala ekwivalenti għalihom, it-taxxa fuq il-valur miżjud, […] tista' tiġi assenjata mingħajr formalitajiet mill-uffiċjal kompetenti għall-ħlas […] ta' taxxi fuq id-dħul, taxxi ttrattati bħala ekwivalenti għalihom, taxxa fuq il-valur miżjud, […] fejn dawn tal-aħħar ma humiex jew ma għadhomx ikkontestati.

Il-paragrafu preċedenti għandu jkompli japplika f'każ ta' sekwestru, assenjazzjoni, trasferiment jew fejn ikun hemm talbiet kompetituri jew proċeduri ta' insolvenza."

16. L-ewwel paragrafu tal-Artikolu 334 tal-Liġi-Programm tas-27 ta' Diċembru 2004 kif emendat bl-Artikolu 194 tal-loi-programme du 22 décembre 2008 (Moniteur belge tad-29 ta' Diċembru 2008, p. 68649, iktar 'il quddiem il-"Liġi-Programm tat-22 ta' Diċembru 2008") u qabel l-emenda tiegħu mil-loi du 25 décembre 2016 (iktar 'il quddiem il-"Liġi tal-25 ta' Diċembru 2016"), kif applikabbli għall-fatti mit-8 ta' Jannar 2009, jipprovdi:

"Kwalunkwe somma li għandha terġa' titħallas jew li għandha titħallas lil individwu, […] matul l-applikazzjoni tal-liġijiet dwar it-taxxa li jaqgħu fil-kompetenza tas-Service public fédéral Finances [(is-'Servizz Pubbliku Federali tal-Finanzi')] jew li l-ġbir u l-irkupru tagħha jkun żgurat minn dan is-servizz pubbliku federali […] tista' tiġi assenjata mingħajr formalitajiet u għad-diskrezzjoni tal-uffiċjal kompetenti, għall-ħlas tas-somom dovuti minn dan l-individwu skont il-liġijiet dwar it-taxxa kkonċernati jew għall-ħlas tat-talbiet tat-taxxa jew dawk mhux tat-taxxa, li l-ġbir u l-irkupru tagħhom huma żgurati mis-[Servizz Pubbliku Federali tal-Finanzi] […] Din l-applikazzjoni hija limitata għall-ammont mhux ikkontestat tad-dejn fir-rigward ta' dan l-individwu.

L-inċiż preċedenti għandu jkompli japplika f'każ ta' sekwestru, assenjazzjoni, trasferiment jew fejn ikun hemm talbiet kompetituri jew proċeduri ta' insolvenza."

III. It-tilwima fil-kawża prinċipali u d-domandi preliminari

17. Pantochim hija kumpannija pubblika b'responsabbiltà limitata li tqiegħdet fi stralċ fis-26 ta' Ġunju 2001 permezz ta' sentenza tat-tribunal de commerce de Charleroi (il-Qorti Kummerċjali ta' Charleroi, il-Belġju). Matul dan l-istralċ, Pantochim ħallset id-dejn tal-VAT preferenzjali sħiħ miżmum mill-Istat Belġjan.

18. Matul il-proċeduri ta' stralċ l-Istat Belġjan iddikjara wkoll dejn ta' EUR 634 275.50 għall-VAT flimkien mal-interessi miżmuma mill-Istat Ġermaniż. Dan id-dejn tal-VAT partikolari (iktar 'il quddiem id-"dejn tal-VAT Ġermaniż") ġie ammess bħala dejn mhux sikur. Mit-talba għal deċiżjoni preliminari jidher li l-Istat Ġermaniż talab assistenza abbażi tad-Direttiva 76/308, kif trasposta fid-dritt Belġjan, sabiex jirkupra d-dejn tal-VAT ikkonċernat.

19. Il-kwistjoni li issa tikkonċernana tirriżulta minħabba li Pantochim għandha talba tat-taxxa sinjifikattiva kontra l-Istat Belġjan. Meta l-Istat Belġjan indika li kien biħsiebu jpaċi d-dejn tal-VAT Ġermaniż bid-dejn tat-taxxa tiegħu lil Pantochim abbażi tal-Artikolu 334 tal-Liġi-Programm tas-27 ta' Diċembru 2004, il-likwidaturi ta' Pantochim wieġbu billi bdew proċeduri kontra l-Istat Belġjan. It-tribunal de première instance du Hainaut, division Mons (il-Qorti tal-Ewwel Istanza ta' Hainaut, it-Taqsima ta' Mons, il-Belġju) iddeċidiet li l-Istat Belġjan ma kienx awtorizzat sabiex ipaċi d-djun ikkonċernati. Wara appell, il-Cour d'appel de Mons (il-Qorti tal-Appell ta' Mons, il-Belġju), permezz ta' sentenza tas-27 ta' Ġunju 2016 ikkonfermat din id-deċiżjoni u ordnat lill-Istat Belġjan iħallas is-somma ta' EUR 502 991.47 flimkien mal-interessi lil Pantochim.

20. L-Istat Belġjan sussegwentement ippreżenta appell ta' kassazzjoni quddiem il-Cour de cassation (il-Qorti tal-Kassazzjoni, il-Belġju). L-Istat ikkunsidra li l-Cour d'appel de Mons (il-Qorti tal-Appell ta' Mons) kienet kisret, *inter alia*, l-Artikolu 6(2) tad-Direttiva 76/308 meta pprevenietu milli jirkupra d-dejn tal-Istat Ġermaniż daqslikieku kien tiegħu stess. Barra minn hekk, l-Istat Belġjan ma jikkunsidrax li t-tpaċija tad-djun skont l-Artikolu 334 tal-Liġi-Programm tas-27 ta' Diċembru 2004 huwa "privileġġ" skont l-Artikolu 10 tad-Direttiva 76/308.

21. Din il-qorti enfasizzat għadd ta' konstatazzjonijiet tal-Cour d'appel de Mons (il-Qorti tal-Appell ta' Mons) li huma kkontestati mill-Istat Belġjan.

22. L-ewwel nett, il-Cour d'appel de Mons (il-Qorti tal-Appell ta' Mons) ikkunsidrat li "l-Artikolu 334 [tal-Liġi-Programm] ma jeskludix b'mod espliċitu d-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi Ċivili rigward it-tpaċija", li jeħtieġu "l-eżistenza ta' żewġ djun reċiproċi […] li għandhom jeżistu bejn l-istess persuni li jaġixxu fl-istess kapaċità". Il-Cour d'appel de Mons (il-Qorti tal-Appell ta' Mons) iddikjarat li, "anki jekk it-talba tal-Istat Ġermaniż tista' tiġi rkuprata bħala t-talba tal-Istat Belġjan stess, din tibqa' talba tal-Istat Ġermaniż", bir-riżultat li "t-tpaċija statutorju ma hijiex possibbli ladarba ma hemm l-ebda dejn reċiproku bejn l-istess persuni. L-Istat Belġjan ifittex li jpaċi d-dejn [tal-kumpannija Pantochim] lejn l-Istat Ġermaniż bid-dejn tiegħu lejn [il-kumpannija Pantochim]". Dik il-qorti indikat ukoll li, "anki jekk it-tpaċija tat-taxxa kellha tiġi meqjusa bħala tpaċija *sui generis*", l-Artikolu 334 tal-Liġi-Programm xorta waħda "ma jestendix il-benefiċċju tat-tpaċija għat-talbiet ħlief għal dawk tal-Istat Belġjan".

23. It-tieni nett, il-Cour d'appel de Mons (il-Qorti tal-Appell ta' Mons) ikkunsidrat li d-dispożizzjonijiet tad-direttivi ma jibdlu bl-ebda mod dak imsemmi iktar 'il fuq minħabba li, għalkemm "huma tassew jipprovdu li t-talbiet li għalihom hija mitluba l-assistenza għandhom jiġu rkuprati bħala talba tal-Istat li lilu ssir it-talba u bl-istess mod", il-fatt jibqa' li "t-talbiet li għandhom jiġu rkuprati għandhom jibbenefikaw mill-privileġġi mogħtija lil talbiet simili li joriġinaw mill-Istat Membru fejn tinsab l-awtorità li lilha ssir it-talba biss jekk tipprovdi hekk il-leġiżlazzjoni ta' dak l-Istat jew jipprovdi hekk ftehim bejn l-Istat li jagħmel it-talba u l-Istat li lilu ssir it-talba". Il-Cour d'appel de Mons (il-Qorti tal-Appell ta' Mons) żiedet li, "fin-nuqqas ta' kwalunkwe definizzjoni fid-direttiva, it-terminu 'privileġġ' għandu jiġi mifhum fit-tifsira normali tiegħu ta' vantaġġ jew prerogattiva".

24. Huwa f'dawn iċ-ċirkustanzi li l-Cour de cassation (il-Qorti tal-Kassazzjoni) ddeċidiet li tissospendi l-proċeduri u li tagħmel id-domandi li ġejjin lill-Qorti tal-Ġustizzja għal deċiżjoni preliminari:

"(1) Id-dispożizzjoni li l-kreditu [t-talba] li huwa s-suġġett ta' talba għal irkupru 'għand[u] [j]iġi ttrattat[…] bħala talba [kreditu] ta' l-Istat Membru li fih l-awtorità mitluba tkun tinsab', kif huwa previst fit-tieni paragrafu tal-Artikolu 6, tad-[Direttiva 2008/55] li jissostitwixxi l-Artikolu 6(2) tad-[Direttiva 76/308], għandha tinftiehem fis-sens li l-kreditu tal-Istat li jagħmel it-talba għandu jiġi assimilat għal dak tal-Istat li lilu ssir it-talba b'tali mod li l-kreditu tal-Istat li jagħmel it-talba jikseb il-kwalità ta' kreditu tal-Istat li lilu ssir it-talba?

(2) It-terminu 'privileġġ' imsemmi fl-Artikolu 10 tad-Direttiva [2008/55], u, qabel il-kodifikazzjoni, mill-Artikolu 10 tad-Direttiva [76/308], għandu jinftiehem bħala d-dritt preferenzjali marbut mal-kreditu li jagħtih dritt ta' prijorità fuq il-krediti l-oħra fil-każ ta' kompetizzjoni [fil-każ ta' talbiet kompetituri], jew bħala kwalunkwe mekkaniżmu li għandu bħala effett li jwassal, fil-każ ta' kompetizzjoni, għal ħlas preferenzjali tal-kreditu?

(3) Il-fakultà li għandu l-uffiċċju tat-tassazzjoni li jagħti kumpens [li jwettaq tpaċija] fil-każ ta' kompetizzjoni, taħt il-kundizzjonijiet previsti fl-Artikolu 334 tal-Liġi-Programm tas-27 ta' [Diċembru] 2004, għandha titqies bħala privileġġ fis-sens tal-Artikolu 10 tad-direttivi ċċitata [ċċitati] iktar 'il fuq?"

IV. Il-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja

25. Osservazzjonijiet bil-miktub ġew ippreżentati minn Pantochim, mill-Gvern Belġjan u dak Spanjol u mill-Kummissjoni Ewropea. Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li tipproċedi għal sentenza mingħajr proċedura orali.

V. Analiżi

A. Il-kummenti preliminari

26. Fid-domandi għal deċiżjoni preliminari magħmula lill-Qorti tal-Ġustizzja, il-Cour de cassation (il-Qorti tal-Kassazzjoni) tiċċita ċerti dispożizzjonijiet tad-Direttiva 76/308 u tad-Direttiva 2008/55. Ma sar l-ebda riferiment għad-Direttiva 2010/24. Qabel ma neżamina d-domandi magħmula, jiena nqis li l-ewwel nett huwa neċessarju li jiġi ddeterminat liema direttiva hija applikabbli *ratione temporis*. Dan huwa importanti minħabba li hemm ċerti differenzi fil-formulazzjoni tal-Artikolu 6(2) tad-Direttiva 76/308, tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 6 tad-Direttiva 2008/55 u tal-Artikolu 10(1) tad-Direttiva 2010/24 u tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 13(1) tad-Direttiva 2010/24, għalkemm dawn huma, naturalment, ekwivalenti fil-kamp ta' applikazzjoni. Dan ma jistax, madankollu, jingħad għall-Artikolu 10 tad-Direttiva 76/308[5], l-Artikolu 10 tad-Direttiva 2008/55 u t-tielet subparagrafu tal-Artikolu 13(1) tad-Direttiva 2010/24[6].

27. Fil-punt 20 tas-sentenza tal-1 ta' Lulju 2004, Tsapalos u Diamantakis (C-361/02 u C-362/02, EU:C:2004:401), il-Qorti tal-Ġustizzja sostniet li peress li d-Direttiva 76/308 tirregola biss ir-rikonoxximent u l-infurzar ta' ċerti kategoriji ta' talbiet li jinqalgħu fi Stat Membru ieħor, mingħajr ma tistipola regoli relatati ma' kif jinqalgħu jew mal-kamp ta' applikazzjoni tagħhom, id-dispożizzjonijiet ta' din id-direttiva għandhom jiġu kkunsidrati bħala li jikkostitwixxu sempliċement regoli ta' proċedura. Fil-fehma tiegħi, din id-dikjarazzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja tapplika wkoll fir-rigward tad-Direttiva 2008/55 u tad-Direttiva 2010/24.

28. Skont ġurisprudenza stabbilita, ir-regoli ta' proċedura għandhom ġeneralment japplikaw għall-kawżi pendenti kollha fil-mument li dawn jidħlu fis-seħħ, għall-kuntrarju tar-regoli sostantivi li huma ġeneralment interpretati bħala li ma japplikawx għal sitwazzjonijiet eżistenti qabel id-dħul fis-seħħ tagħhom[7].

29. L-Artikolu 29 tad-Direttiva 2010/24 jipprovdi li d-Direttiva 2008/55 hija mħassra b'effett mill-1 ta' Jannar 2012 u li r-riferimenti għad-Direttiva 2008/55 imħassra għandhom jinftiehmu bħala riferimenti għad-Direttiva 2010/24[8]. L-ebda arranġament tranżitorju ma huwa previst fid-Direttiva 2010/24.

5 Fil-verżjoni oriġinali tiegħu.

6 Il-Qorti tal-Ġustizzja kienet diġà ddikjarat fil-punt 72 tas-sentenza tad-29 ta' April 2004, Il-Kummissjoni vs Il-Kunsill (C-338/01, EU:C:2004:253) li "fir-rigward tal-Artikolu 10 tad-Direttiva 76/308, li kien jipprevedi li l-istrumenti ta' rkupru ma kellhomx jibbenefikaw minn trattament preferenzjali fl-Istat Membru fejn l-awtorità li lilha ssir it-talba kienet tinsab, il-verżjoni emendata ta' dan l-artikolu li tirriżulta mid-[Direttiva tal-Kunsill 2001/44/KE tal-15 ta' Ġunju 2001 li temenda d-Direttiva 76/308 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 2, Vol. 12, p. 27)] tipprovdi li tali talbiet ma jibbenefikawx neċessarjament mill-privileġġi mogħtija lil talbiet simili li jirriżultaw fl-Istat Membru li fih tkun tinsab l-awtorità li lilha ssir it-talba. Tali *emenda tikkostitwixxi bidla sostanzjali fit-trattament tat-talbiet koperti mid-Direttiva 76/308* sa fejn hija ekwivalenti għal treġġigħ lura tal-prinċipju applikabbli sa issa li tali talbiet ma setgħux jibbenefikaw minn trattament preferenzjali fl-Istat Membru li lilu ġiet indirizzata t-talba." Enfasi miżjuda minni.

7 Sentenza tal-1 ta' Lulju 2004, Tsapalos u Diamantakis (C-361/02 u C-362/02, EU:C:2004:401, punt 19). Fil-punt 42 tal-osservazzjonijiet tagħha, il-Kummissjoni tiddikjara li minħabba li t-talba għal deċiżjoni preliminari ma tindikax id-data tat-talba għall-irkupru magħmula mill-Istat Ġermaniż, ma huwiex possibbli li jiġi stabbilit liema mit-tliet direttivi hija applikabbli fil-kawża prinċipali. Pantochim u l-gvern Belġjan u dak Spanjol jirreferu kemm għad-Direttiva 76/308 kif ukoll għad-Direttiva 2008/55.

8 Id-Direttiva 76/308 ġiet imħassra permezz tal-Artikolu 25 tad-Direttiva 2008/55 b'effett mit-30 ta' Ġunju 2008. Ara l-Artikolu 26 tad-Direttiva 2008/55.

30. Għaldaqstant, jiena nqis li hija d-Direttiva 2010/24 iktar milli d-Direttiva 76/308 jew id-Direttiva 2008/55 li tapplika għall-proċeduri li bħalissa jinsabu pendenti quddiem il-qorti tar-rinviju.

B. L-ewwel domanda

31. Permezz tal-ewwel domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 13(1) tad-Direttiva 2010/24 - li jipprovdi li "kwalunkwe talba li għaliha tkun saret rikjesta għall-irkupru għandha tiġi ttrattata daqslikieku kienet talba tal-Istat Membru rikjest" – għandux jiġi interpretat bħala li jfisser li t-talba tal-Istat Membru li jagħmel it-talba (f'din il-kawża, il-Ġermanja) tikseb il-kwalità ta' talba tal-Istat Membru li lilu ssir it-talba (f'din il-kawża, il-Belġju).

32. Hija ġurisprudenza stabbilita li d-Direttiva 76/308 stabbilixxiet regoli komuni dwar l-assistenza reċiproka sabiex jiġi ggarantit l-irkupru ta' talbiet relatati ma' ċerti imposti, dazji u taxxi[9]. Din id-dikjarazzjoni tapplika wkoll fir-rigward tad-Direttiva 2010/24[10]. Fil-fatt, id-Direttiva 2010/24 tfittex li testendi l-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 76/308, kif ikkodifikata mid-Direttiva 2008/55, għal talbiet li qabel ma kinux koperti mid-direttivi tal-aħħar sabiex ikunu ssalvagwardjati aħjar l-interessi finanzjarji tal-Istati Membri u n-newtralità tas-suq intern u sabiex l-assistenza reċiproka tkun iktar effiċjenti u effettiva. Għaldaqstant, minħabba l-għadd li qiegħed jikber ta' talbiet għal assistenza, id-Direttiva 2010/24 ġeneralment tfittex li tiffaċilita u tippromwovi tali assistenza reċiproka[11].

33. L-Artikolu 1 tad-Direttiva 2010/24 jiddikjara li din id-direttiva tistabbilixxi r-regoli li skonthom l-Istati Membri għandhom *jipprovdu assistenza* għall-irkupru fi Stat Membru ta' kwalunkwe talba msemmija fl-Artikolu 2 li tkun ġejja minn Stat Membru ieħor. L-Artikolu 2(1)(a) tad-Direttiva 2010/24 jipprovdi li t-talba għall-assistenza tista' ssir fir-rigward, *inter alia*, tal-irkupru tat-*taxxi u d-dazji kollha ta' kwalunkwe tip* imposti minn jew f'isem Stat Membru jew f'isem l-Unjoni[12]. Skont l-Artikolu 10(1) tad-Direttiva 2010/24, awtorità li lilha ssir it-talba fi Stat Membru għandha, fuq talba tal-awtorità applikanti fi Stat Membru ieħor, tirkupra talbiet li huma s-suġġett ta' strument li jippermetti l-infurzar fl-Istat Membru applikant.

34. Fil-punt 48 tas-sentenza tas-26 ta' April 2018, *Donnellan* (C-34/17, EU:C:2018:282), il-Qorti tal-Ġustizzja ddikjarat li, "konformement mal-Artikolu 13(1) tad-Direttiva 2010/24, id-dovut li huwa s-suġġett ta' talba għal irkupru huwa meqjus bħala talba tal-Istat Membru rikjest, fejn dan tal-aħħar għandu għalhekk jimplimenta l-kompetenzi u l-proċeduri ddefiniti mil-liġijiet, mir-regolamenti jew mid-dispożizzjonijiet amministrattivi applikabbli għat-talbiet relatati mad-dazji, taxxi jew ħlasijiet identiċi jew simili fl-ordinament ġuridiku tiegħu"[13].

9 Sentenza tat-18 ta' Ottubru 2012, X (C-498/10, EU:C:2012:635, punt 44 u l-ġurisprudenza ċċitata).

10 Skont l-ewwel premessa tad-Direttiva 2010/24, "[l]-assistenza reċiproka bejn l-Istati Membri għall-irkupru tat-talbiet ta' xulxin u dawk tal-Unjoni fir-rigward ta' ċerti taxxi u miżuri oħrajn tikkontribwixxi għat-tħaddim xieraq tas-suq intern. Hija tiżgura n-newtralità fiskali u ppermettiet lill-Istati Membri biex ineħħu l-miżuri protettivi diskriminatorji fi transazzjonijiet transkonfini maħsuba biex jipprevjenu l-frodi u t-telf baġitarju." Ara wkoll is-sentenza tas-26 ta' April 2018, Donnellan (C-34/17, EU:C:2018:282, punt 42).

11 Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-14 ta' Marzu 2019, Metirato (C-695/17, EU:C:2019:209, punt 29). Ara wkoll il-premessa 4 tad-Direttiva 2010/24 li tipprovdi li "[b]il-għan li jiġu ssalvagwardjati aħjar l-interessi finanzjarji tal-Istati Membri u n-newtralità tas-suq intern, hu meħtieġ li l-kamp ta' applikazzjoni tal-assistenza reċiproka għall-irkupru jiġi estiż għal talbiet relatati ma' taxxi u dazji li għadhom mhumiex koperti mill-assistenza reċiproka għall-irkupru, filwaqt li sabiex ikunu jistgħu jlaħħqu maż-żieda fit-talbiet għall-assistenza u biex iwasslu riżultati aħjar, jeħtieġ li l-assistenza ssir aktar effiċjenti u effikaċi u li tiġi ffaċilitata fil-prattika. Sabiex jiġu sodisfatti dawn l-għanijiet, huma meħtieġa adattamenti importanti, fejn is-sempliċi modifika tad-Direttiva 2008/55/KE eżistenti ma tkunx biżżejjed. Għalhekk din tal-aħħar trid tiħassar u tiġi sostitwita bi strument ġuridiku ġdid li jibni fuq il-kisbiet tad-Direttiva 2008/55/KE iżda jipprevedi regoli aktar ċari u preċiżi fejn meħtieġ."

12 Għandu jiġi nnotat li d-Direttiva tal-Kunsill 79/1071/KEE tas-6 ta' Diċembru 1979 li temenda d-Direttiva 76/308 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 2, Vol. 1, p. 299) wessgħet il-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 76/308 billi estendietu għat-talbiet relatati mal-VAT.

13 Ara wkoll, b'analoġija, fir-rigward tad-Direttiva 76/308, is-sentenza tal-14 ta' Jannar 2010, Kyrian (C-233/08, EU:C:2010:11, punt 43).

35. Madankollu, huwa importanti li jiġu enfasizzati l-limiti ta' dawn il-kummenti fis-sentenza tas-26 ta' April 2018, *Donnellan* (C-34/17, EU:C:2018:282). Huwa ċar mit-termini ta' din is-sentenza li l-Qorti tal-Ġustizzja hawnhekk kienet qiegħda tirreferi għall-*obbligi proċedurali* tal-Istat li lilu ssir it-talba. Jiena nqis, għaldaqstant, li filwaqt li l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 13(1) tad-Direttiva 2010/24 jeħtieġ li t-talbiet ta' Stat Membru li jagħmel it-talba għandhom jitqiesu minn *perspettiva proċedurali* bħala ekwivalenti [14] għal dawk tal-Istat Membru li lilu ssir it-talba, madankollu hemm limiti għall-kamp ta' applikazzjoni ta' din il-*fictio juris* partikolari. B'mod speċifiku, din it-talba, minn *perspettiva sostantiva*, ma tiksibx il-kwalità ta' talba li tista' ssir mill-Istat Membru li lilu ssir it-talba.

36. Dan huwa ċar mil-lingwaġġ u l-kuntest tal-Artikolu 13(1) stess. Għaldaqstant, pereżempju, it-tielet subparagrafu tal-Artikolu 13(1) tad-Direttiva 2010/24 jipprovdi li "[l]-Istat Membru rikjest *m'għandux ikun obbligat* li jagħti lit-talbiet ta' Stati Membri oħrajn il-preferenzi li jagħti lil talbiet simili li jirriżultaw f'dak l-Istat Membru, *għajr* fejn huwa maqbul mod ieħor bejn l-Istati Membri kkonċernati jew previst fil-liġi tal-Istat Membru rikjest" [15]. Dan, fih innifsu, huwa biżżejjed biex juri li t-talbiet tal-Istat Membru li lilu ssir it-talba huma ttrattati b'mod pjuttost distint u separat minn dawk tal-Istat Membru li jagħmel it-talba. Bil-mod tiegħu stess juri wkoll il-limiti tal-*fictio juris* prevista fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 13(1) tad-Direttiva 2010/24 minħabba l-fatt li jekk it-talba tal-Istat li jagħmel it-talba kellha fil-fatt tiġi ttrattata bħala sostantivament identika, għal dan il-għan, għal dak ta' talba mingħand l-Istat li lilu ssir it-talba, it-tielet subparagrafu ta' din id-direttiva kien ikun pjuttost superfluwu u mhux neċessarju.

37. Fil-fehma tiegħi, għaldaqstant, l-effett tad-Direttiva 2010/24 huwa li l-Istat Membru li lilu ssir it-talba jaġixxi bħala forma ta' aġent f'isem l-Istat Membru li jagħmel it-talba sabiex jinforza t-talba ta' dan tal-aħħar [16]. Fl-assenza, madankollu, ta' xi assenjazzjoni speċifika tat-talba lill-Istat Membru li lilu ssir it-talba – u ma hemm l-ebda suġġeriment li dan sar f'dan il-każ – it-talba tibqa' dik tal-Istat Membru li jagħmel it-talba [17].

38. Fil-fatt, għandu jitfakkar li skont l-Artikolu 1 tad-Direttiva 2010/24, ir-rwol tal-Istat Membru li lilu ssir it-talba huwa li *jassisti* lill-Istat Membru li jagħmel it-talba biex jirkupra t-talba *ta' dan tal-aħħar*. Għaldaqstant, jiena naqbel mas-sottomissjoni tal-Gvern Spanjol [18] li t-talba tal-Istat Membru li jagħmel it-talba ma tistax tiġi assimilata għal dik tal-Istat Membru li lilu ssir it-talba u li t-talba tal-Istat Membru li jagħmel it-talba ma tiksibx il-kwalità ta' talba tal-Istat Membru li lilu ssir it-talba [19].

14 Il-kamp ta' applikazzjoni biex l-Istat Membru li lilu ssir it-talba jirrifjuta li jagħti assistenza lill-Istat Membru li jagħmel it-talba huwa limitat ħafna. Ara s-sentenza tas-26 ta' April 2018, Donnellan (C-34/17, EU:C:2018:282, punti 49 sa 51).

15 Enfasi miżjuda minni.

16 L-Istat Membru li lilu ssir it-talba għandu, fil-prinċipju, ifittex il-ħlas tal-ispejjeż tiegħu b'rabta ma' talba għall-irkupru mid-debitur ikkonċernat iktar milli mill-Istat Membru li jagħmel it-talba. Skont l-Artikolu 20(1) tad-Direttiva 2010/24, "[…] l-awtorità rikjesta għandha tfittex li tirkupra mill-persuna kkonċernata u żżomm l-ispejjeż marbuta mal-irkupru li hi tkun ġarrbet, f'konformità mal-liġijiet u r-regolamenti tal-Istat Membru rikjest".

17 Fis-sentenza tagħha tal-14 ta' Marzu 2019, Metirato (C-695/17, EU:C:2019:209, punti 33 u 34), il-Qorti tal-Ġustizzja nnotat li l-Artikolu 14 tad-Direttiva 2010/24 jipprevedi tqassim tal-kompetenzi bejn il-qrati tal-Istat Membru applikant u l-qrati tal-Istat Membru li lilu ssir it-talba. Għalhekk, it-tilwim li jikkonċerna t-talba għandu jitressaq quddiem il-qrati tal-Istat Membru applikant filwaqt li l-miżuri ta' infurzar meħuda fl-Istat Membru li lilu ssir it-talba għandhom jitressqu quddiem il-qrati tal-Istat Membru tal-aħħar. Skont il-Qorti tal-Ġustizzja, dan it-tqassim tal-kompetenzi jirriżulta mill-fatt li t-talba u l-istrument li jippermetti l-infurzar tagħha huma stabbiliti abbażi tal-liġi fis-seħħ fl-Istat Membru fejn tkun tinsab l-awtorità applikanti, filwaqt li għall-miżuri ta' infurzar fl-Istat Membru fejn tkun tinsab l-awtorità li lilha ssir it-talba, japplika dan tal-aħħar skont id-dritt nazzjonali tiegħu. Dan it-tqassim tal-kompetenzi huwa, fil-fehma tiegħi, indikattiv tal-fatt li d-Direttiva 2010/24 fiha regoli proċedurali iktar milli regoli sostantivi li jirregolaw, *inter alia*, il-kwalità jew it-titolu għal talba.

18 Ara l-paragrafu 27 tal-osservazzjonijiet tiegħu.

19 Pantochim tqis li l-Istat Membru li lilu ssir it-talba jaġixxi f'isem l-Istat Membru li jagħmel it-talba. Ara l-paġna 8 tal-osservazzjonijiet tagħha. Il-Gvern Belġjan, fil-paragrafi 18 u 21 tal-osservazzjonijiet tiegħu jiddikjara li t-talba tal-Istat Membru li jagħmel it-talba tikseb il-kwalità ta' talba tal-Istat Membru li lilu ssir it-talba u li t-talba tal-Istat Membru li jagħmel it-talba hija assimilata bis-sħiħ ma' dik tal-Istat Membru li lilu ssir it-talba.

39. F'dak ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja reċentement iddikjarat, fil-punt 40 tas-sentenza tal-14 ta' Marzu 2019, *Metirato* (C-695/17, EU:C:2019:209), li "fl-assenza ta' determinazzjoni, mid-Direttiva 2010/24, tal-modi sabiex jinżammu l-ammonti rkuprati mill-Istat Membru rikjest qabel it-trasferiment tagħhom lill-Istat Membru applikant, din taqa' taħt il-kompetenza tal-Istati Membru [Membri], *sakemm l-obbligu ta' trasferiment tal-ammonti rċevuti u l-interessi applikabbli jkun osservat*" [20].

40. Fid-dawl ta' dak li ntqal, jiena nqis li l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 13(1) tad-Direttiva 2010/24, li jipprovdi li "kwalunkwe talba li għaliha tkun saret rikjesta għall-irkupru għandha tiġi ttrattata daqslikieku kienet talba tal-Istat Membru rikjest" għandu jiġi interpretat sempliċement bħala li jfisser li l-Istat Membru tal-aħħar għandu jagħmel użu mill-kompetenzi u l-proċeduri pprovduti taħt il-liġijiet, ir-regolamenti jew id-dispożizzjonijiet amministrattivi li japplikaw għat-talbiet li jikkonċernaw taxxi jew dazji identiċi jew simili fl-ordinament ġuridiku tiegħu. Huwa ċar mill-qari kemm tal-ewwel kif ukoll tat-tielet subparagrafu tal-Artikolu 13(1) tad-Direttiva 2010/24 li t-talba tal-Istat Membru li jagħmel it-talba, madankollu, ma tiksibx għal dan il-għan il-kwalità ta' talba sostantiva tal-Istat Membru li lilu ssir it-talba.

C. It-tieni domanda

41. Permezz tat-tieni domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju essenzjalment tistaqsi lill-Qorti tal-Ġustizzja sabiex tiddetermina jekk it-terminu "privileġġ" fl-Artikolu 10 tad-Direttiva 76/308 u l-Artikolu 10 tad-Direttiva 2008/55, għandux jiġi interpretat bħala li qiegħed jirreferi għal dritt preferenzjali marbut ma' talba li jagħtiha dritt ta' prijorità fil-każ ta' talbiet kompetituri, jew bħala kwalunkwe mekkaniżmu li għandu bħala effett li, fil-każ ta' talbiet kompetituri, iwassal għal ħlas preferenzjali tat-talba.

42. Kif indikajt fil-punt 30 ta' dawn il-konklużjonijiet, jiena nqis li hija d-Direttiva 2010/24 iktar milli d-Direttiva 76/308 jew id-Direttiva 2008/55 li tapplika għall-proċeduri li bħalissa jinsabu pendenti quddiem il-qorti tar-rinviju. Il-qorti tar-rinviju għalhekk tfittex interpretazzjoni tat-tielet subparagrafu tal-Artikolu 13(1) tad-Direttiva 2010/24. F'dan ir-rigward, hija tistaqsi jekk it-terminu "privileġġ" għandux jinftiehem bħala d-dritt preferenzjali marbut mat-talba li jagħtiha dritt ta' prijorità fuq talbiet oħra fil-każ ta' talbiet kompetituri, jew bħala kwalunkwe mekkaniżmu li għandu bħala effett li, fil-każ ta' talbiet kompetituri, iwassal għal ħlas preferenzjali tat-talba. Minkejja l-lingwaġġ formali ta' din id-domanda, il-qorti tar-rinviju, fil-fehma tiegħi, ma indikatx kif, taħt l-ordinament ġuridiku tagħha, hemm xi differenza prattika bejn dawn iż-żewġ alternattivi.

43. Għalhekk, jiena se neżamina din id-domanda kemxejn fl-astratt, u se niffoka fuq il-lingwaġġ użat mid-direttiva stess.

20 Enfasi miżjuda minni. Ara l-Artikolu 13(5) tad-Direttiva 2010/24. Jiena ninnota li filwaqt li l-Qorti tal-Ġustizzja, fis-sentenza tagħha tal-14 ta' Marzu 2019, Metirato (C-695/17, EU:C:2019:209) segwiet il-bidċa l-kbira tal-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Bobek f'Metirato (EU:C:2018:944), ma użatx it-termini "assimilazzjoni sħiħa ta' djun [talbiet]" li ntużaw fil-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali biex jirreferu għall-prinċipju stabbilit fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 13(1) tad-Direttiva 2010/24 li jeħtieġ li t-talbiet li għalihom tkun saret talba għal irkupru għandhom jiġu ttrattati daqslikieku kienu talbiet tal-Istat Membru li lilu ssir it-talba.

44. Għandu jiġi nnotat li l-verżjoni bil-lingwa Ingliża tat-tielet subpragrafu tal-Artikolu 13(1) tad-Direttiva 2010/24 ma tagħmel l-ebda riferiment għat-terminu "privilege" (privileġġ)[21]. Pjuttost tiddikjara li l-Istat Membru li lilu ssir it-talba ma għandux ikun obbligat li jagħti lit-talbiet ta' Stati Membri oħrajn *il-preferenzi*[22] li jagħti lil talbiet simili li jirriżultaw f'dak l-Istat Membru, għajr fejn huwa maqbul mod ieħor bejn l-Istati Membri kkonċernati jew previst fid-dritt tal-Istat Membru li lilu ssir it-talba[23].

45. Hija ġurisprudenza stabbilita li l-ħtieġa għal applikazzjoni uniformi tad-dritt tal-Unjoni, kif ukoll il-prinċipju ta' ugwaljanza, jeħtieġu li t-termini ta' dispożizzjoni tad-dritt tal-Unjoni li ma tagħmel l-ebda riferiment espliċitu għad-dritt tal-Istati Membri sabiex jiġu ddeterminati t-tifsira u l-kamp ta' applikazzjoni tagħha, normalment għandhom jingħataw interpretazzjoni awtonoma u uniformi, li għandha tqis il-kuntest ta' dik id-dispożizzjoni u l-għan tal-leġiżlazzjoni kkonċernata[24]. Barra minn hekk, fl-assenza ta' kwalunkwe definizzjoni tat-terminu "preferenzi" (u/jew "privilèges fil-verżjoni bil-lingwa Franċiża[25]) fid-Direttiva 2010/24, it-tifsira u l-kamp ta' applikazzjoni ta' dan it-terminu għandhom jiġu stabbiliti billi jittieħdu inkunsiderazzjoni l-kuntest ġenerali[26] li fih qegħdin jintużaw u t-tifsira normali tiegħu fil-lingwaġġ ta' kuljum[27].

46. It-terminu "preferenzi", li jidher biss fil-premessa 14 u fit-tielet subparagrafu tal-Artikolu 13(1) tad-Direttiva 2010/24, ma huwiex iddefinit minn din id-direttiva u ma hemm l-ebda riferiment għad-dritt tal-Istati Membri sabiex jiġi ddefinit dan it-terminu. Il-premessa 14 tad-Direttiva 2010/24 tiddikjara, essenzjalment, li l-użu, mill-Istat Membru li lilu ssir it-talba, tal-kompetenzi tiegħu skont id-dritt nazzjonali li japplika għat-talbiet relatati mal-istess taxxi jew dazji, jew taxxi u dazji simili, "m'għandux, bħala regola ġenerali, japplika fir-rigward tal-preferenzi mogħtija għal talbiet li jirriżultaw fl-Istat Membru rikjest. Madankollu, għandu jkun possibbli li l-preferenzi jkunu estiżi għal talbiet ta' Stati Membri oħrajn ibbażati fuq ftehim bejn l-Istati Membri kkonċernati"[28].

21 Il-verżjoni bil-lingwa Franċiża tat-tielet subparagrafu tal-Artikolu 13(1) tad-Direttiva 2010/24 tirreferi kemm għal "préférences" kif ukoll għal "privilèges". It-tielet subparagrafu tal-Artikolu 13(1) tad-Direttiva 2010/24 tal-verżjonijiet bil-lingwa Spanjola, Ċeka, Daniża, Ġermaniża, Estonjana, Taljana, Latvjana, Litwana, Ungeriża, Maltija, Olandiża, Pollakka, Portugiża, Rumena, Slovakka, Slovena u Svediża juża l-istess terminu jew terminu kważi ekwivalenti matulu kollu. It-terminu jikkorrispondi għal "preferenzi", "privileġġi" "prijorità (dritt)" jew "prerogattivi".

22 Jiena nqis li t-terminu "preferenzi" fit-tielet subparagrafu tal-Artikolu 13(1) tad-Direttiva 2010/24 huwa fil-fatt sinonimu tat-terminu "trattament preferenzjali" fl-Artikolu 10 tad-Direttiva 76/308 u tat-terminu "privileġġi" fl-Artikolu 10 tad-Direttiva 2008/55. Għandu jiġi enfasizzat madankollu li l-artikoli nfushom huma pjuttost differenti fil-kamp ta' applikazzjoni, u l-kontenut tagħhom evolva matul iż-żmien. Ara l-Artikolu1(9) tal-Proposta tal-Kummissjoni għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 76/308/KEE dwar l-assistenza bejn xulxin għall-irkupru tal-pretensjonijiet li jirriżultaw mill-ħidmiet li jiffurmaw parti mis-sistema tal-iffinanzjar tal-Fond Agrikolu Ewropew dwar Gwida u Garanzija (FAEGG), u ta' imposti agrikoli u dazji doganali u fir-rigward ta' taxxa fuq il-valur miżjud u ċertu dazji tas-sisa (98/C 269/06), COM(1998) 364 final, li tagħmel riferiment għal "preferenzi" iktar milli għal "privileġġi". It-test finalment adottat, jiġifieri, id-Direttiva 2001/44, jirreferi għal "privileġġi".

23 Pantochim (paġna 10 tal-osservazzjonijiet tagħha), il-Gvern Spanjol (punt 31 tal-osservazzjonijiet tiegħu) u l-Cour d'appel de Mons (il-Qorti tal-Appell ta' Mons) iqisu li "privileġġ" jirreferi għal vantaġġ jew prerogattiva. Il-Gvern Belġjan isostni li t-terminu "privileġġ" għandu jinftiehem bħala d-dritt preferenzjali marbut ma' talba li jagħtiha dritt ta' prijorità fuq talbiet oħra f'każ ta' talbiet kompetituri (punt 40 tal-osservazzjonijiet tiegħu). Il-Kummissjoni tqis li għandu jinftiehem bħala drittijiet ta' prijorità ta' ħlas marbuta ma' talba (punt 32 tal-osservazzjonijiet tagħha).

24 Sentenza tas-16 ta' Novembru 2017, Kozuba Premium Selection (C-308/16, EU:C:2017:869, punt 38 u l-ġurisprudenza ċċitata).

25 Nenfasizza għal darb'oħra li nqis li dawn it-termini huma sinonimi.

26 Il-proposta tal-Kummissjoni li rriżultat fl-adozzjoni tad-Direttiva 2010/24 ma rreferietx għal preferenzi iżda għal privileġġi. Ara l-premessa 13 u l-Artikolu 22(2) tal-Proposta għal direttiva tal-Kunsill dwar l-assistenza reċiproka għall-irkupru ta' talbiet relatati ma' taxxi, dazji u miżuri oħra (KUMM/2009/0028 finali) (iktar 'il quddiem il-"Proposta għad-Direttiva 2010/24"). Din id-dispożizzjoni tal-proposta tipprovdi fil-fatt, li meta tiġi eżegwita talba għal assistenza fir-rigward ta' talba li taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tad-direttiva, l-awtorità li lilha ssir it-talba ma għandhiex tuża l-kompetenzi biss iżda wkoll il-privileġġi mogħtija lit-talbiet li jirriżultaw fl-Istat Membru li lilu ssir it-talba. Ma huwiex ċar mill-istorja leġiżlattiva tad-Direttiva 2010/24 għaliex it-terminu "privileġġ" ġie mibdul għal "preferenza" fil-verżjonijiet tal-lingwi differenti u x'kien l-għan, jekk kien hemm, għal dik il-bidla.

27 Sentenza tal-4 ta' Mejju 2006, Massachusetts Institute of Technology (C-431/04, EU:C:2006:291, punt 17 u l-ġurisprudenza ċċitata).

28 Ara, għall-kuntrarju, l-Artikolu 22(2) tal-Proposta għad-Direttiva 2010/24.

47. L-Artikolu 13 tad-Direttiva 2010/24 huwa intitolat "Eżekuzzjoni tat-talba għall-irkupru". L-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 13(1) tad-Direttiva 2010/24 jipprovdi, essenzjalment, li l-awtorità li lilha ssir it-talba għandha tagħmel użu mill-*kompetenzi u l-proċeduri* pprovduti taħt il-liġijiet, ir-regolamenti jew id-dispożizzjonijiet amministrattivi ta' dan l-Istat Membru sabiex tirkupra t-talbiet li huma s-suġġett ta' talba għall-irkupru. Kwalunkwe talbiet bħal dawn għandhom jiġu ttrattati għal dan il-għan bħala talba tal-Istat Membru li lilu ssir it-talba, ħlief meta jkun previst mod ieħor f'din id-direttiva.

48. Fil-fehma tiegħi, it-tielet subparagrafu tal-Artikolu 13(1) tad-Direttiva 2010/24 ma huwiex imfassal fil-forma ta' eċċezzjoni jew deroga għall-ewwel subparagrafu tiegħu: dan pjuttost jirreferi għal xi ħaġa distinta mill-kompetenzi u l-proċeduri li japplikaw għall-eżekuzzjoni ta' talba għall-irkupru. Fid-dawl tal-kuntest ġenerali u tal-formulazzjoni ta' din id-dispożizzjoni, jiena nqis li din testendi, f'ċerti ċirkustanzi, drittijiet jew benefiċċji *addizzjonali* mogħtija fir-rigward tal-eżekuzzjoni tat-talbiet tal-Istat Membru li lilu ssir it-talba għat-talbiet tal-Istat Membru li jagħmel it-talba, minbarra l-kompetenzi u l-proċeduri li jsir riferiment għalihom fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 13(1) tad-Direttiva 2010/24. Kif diġà indikajt, dan kollu jsaħħaħ il-konklużjoni fir-rigward tal-ewwel domanda li t-talba tal-Istat li jagħmel it-talba ma għandhiex tiġi ttrattata minn *perspettiva sostantiva* daqslikieku kienet talba mressqa mill-Istat li lilu ssir it-talba minħabba, biex intenni, li dan kollu ma jkunx neċessarju jekk it-talba kellha tgawdi minn din il-kwalità sostantiva.

49. Minħabba l-mod wiesa' u mhux ikkwalifikat kif it-terminu "preferenzi" jidher fit-tielet subparagrafu tal-Artikolu 13(1) tad-Direttiva 2010/24, jiena nqis li dak it-terminu jirreferi għal kwalunkwe mekkaniżmu li, f'każ ta' talbiet kompetituri, għandu bħala effett li jwassal għal ħlas preferenzjali tat-talba tal-Istat Membru li lilu ssir it-talba. Dan ikun jinkludi – iżda ma huwiex limitat għal – drittijiet preferenzjali jew ta' prijorità mogħtija lit-talbiet tal-Istat Membru li lilu ssir it-talba fir-rigward tal-ordni jew tal-klassifikazzjoni tal-ħlas tagħhom fir-rigward tas-sistema ta' insolvenza ta' dan l-Istat Membru [29]. Għaldaqstant, l-Istat Membru li lilu ssir it-talba *jista*' – iżda ma huwiex *meħtieġ* li - jagħti tali drittijiet preferenzjali jew ta' prijorità fir-rigward tat-talbiet tal-Istati Membri li jagħmlu t-talba bil-mod previst fit-tielet subparagrafu tal-Artikolu 13(1) tad-Direttiva 2010/24 [30].

D. It-tielet domanda

50. Permezz ta' din id-domanda, il-qorti tar-rinviju tfittex li taċċerta jekk il-possibbiltà li ssir tpaċija ta' talbiet f'każ ta' talbiet kompetituri skont il-kundizzjonijiet stabbiliti b'dispożizzjoni ta' dritt nazzjonali bħall-Artikolu 194 tal-Liġi-Programm tas-27 ta' Diċembru 2004 jew l-Artikolu 334 tal-Liġi-Programm tat-22 ta' Diċembru 2008 għandhiex tiġi kkunsidrata bħala preferenza konformement mat-tielet subparagrafu tal-Artikolu 13(1) tad-Direttiva 2010/24.

51. Kif ġie osservat mill-Kummissjoni fis-sottomissjonijiet bil-miktub tagħha, il-kompetenza ġenerali biex jiġu kkumpensati talbiet reċiproċi jew mutwi hija parti mill-kompetenzi u l-proċeduri disponibbli skont id-dritt nazzjonali għall-irkupru tat-talbiet. Din il-kompetenza ta' kumpens għalhekk ma tapplikax biss fir-rigward tat-talbiet tal-Istat Membru li lilu ssir it-talba (f'dan il-każ, l-Istat Belġjan) iżda wkoll fir-rigward tat-talbiet ta' kredituri oħrajn fejn jeżistu talbiet reċiproċi jew mutwi [31]. Għalhekk, jiena nqis li l-kompetenza ta' tpaċija ta' talbiet reċiproċi jew mutwi taqa', fil-prinċipju, taħt

29 F'dan ir-rigward, jiena ninnota li l-applikazzjoni tad-Direttiva 2010/24 ma hijiex limitata għal każijiet fejn id-debitur tal-Istat Membru li jagħmel it-talba huwa insolventi. Il-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2010/24 jestendi għat-talbiet kollha stabbiliti fl-Artikolu 2 tagħha suġġett, *inter alia*, għal għadd ta' limiti għall-obbligi tal-awtorità li lilha ssir it-talba stabbiliti fl-Artikolu 18 ta' din id-direttiva.

30 It-tielet subparagrafu tal-Artikolu 13(1) tad-Direttiva 2010/24 jipprovdi wkoll li Stat Membru li jagħti l-preferenzi lit-talbiet ta' Stat Membru ieħor ma jistax jirrifjuta li jagħti l-istess preferenzi lill-istess talbiet jew lil talbiet simili ta' Stati Membri oħrajn bl-istess kundizzjonijiet. Għalhekk, fejn il-preferenzi jingħataw lit-talbiet ta' Stat Membru ieħor mill-Istat Membru li lilu ssir it-talba, dawn għandhom jingħataw fuq bażi ugwali lit-talbiet tal-Istati Membri l-oħrajn kollha. Minħabba li tali preferenzi jistgħu joperaw bi żvantaġġ għal kredituri oħrajn, jiena nqis li tali preferenzi għandhom jingħataw bil-liġi b'mod trasparenti sabiex il-kredituri l-oħrajn jiġu avżati dwarhom.

31 Ir-regoli dwar it-tpaċija skont id-dritt Belġjan għandhom, naturalment, jiġu stabbiliti mill-qorti tar-rinviju.

l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 13(1) tad-Direttiva 2010/24 [32]. Għalhekk, pereżempju, jekk Pantochim u l-Istat Ġermaniż għandhom talbiet reċiproċi jew mutwi, dawn jistgħu, fil-prinċipju – sakemm din il-kundizzjoni u l-kundizzjonijiet l-oħrajn kollha meħtieġa skont id-dritt Belġjan ikunu ssodisfatti – jiġu paċuti ma' xulxin.

52. It-talba għal deċiżjoni preliminari forsi ma tagħmilhiex biżżejjed ċara jekk l-Artikolu 334 tal-Liġi-Programm tas-27 ta' Diċembru 2004 jew l-Artikolu 334 tal-Liġi-Programm tat-22 ta' Diċembru 2008 jidderogax mir-regoli ġenerali dwar it-tpaċija stabbiliti fil-Kodiċi Ċivili Belġjan. Suġġett għal verifika mill-qorti nazzjonali, dawn ir-regoli ġenerali jidhru li jeħtieġu l-eżistenza ta' talbiet reċiproċi jew mutwi bejn l-istess persuni li jaġixxu fl-istess kapaċità. Għalhekk ma huwiex ċar jekk it-talbiet tal-Istat Membru li lilu ssir it-talba (f'dan il-każ l-Istat Belġjan) li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 2 tad-Direttiva 2010/24 humiex ittrattati b'mod differenti mit-talbiet ta' krediturі oħrajn sa fejn hija kkonċernata l-applikazzjoni tar-regoli dwar it-tpaċija.

53. Fil-fatt, fit-talba għal deċiżjoni preliminari, il-qorti tar-rinviju ċċitat estratti mis-sentenza tal-Cour d'appel de Mons (il-Qorti tal-Appell ta' Mons) tas-27 ta' Ġunju 2016 li sabet li la l-Liġi-Programm tas-27 ta' Diċembru 2004 u lanqas il-Liġi-Programm tat-22 ta' Diċembru 2008 ma jidderogaw mir-regoli ġenerali dwar it-tpaċija stabbiliti fil-Koċidi Ċivili Belġjan li, kif diġà nnotajt, jeħtieġu talbiet reċiproċi bejn l-istess persuni. Barra minn hekk, skont il-Cour d'appel de Mons (il-Qorti tal-Appell ta' Mons), anki jekk it-talba tal-Istat Ġermaniż setgħet ġiet irkuprata bħala dejn tal-Istat Belġjan, din tibqa' dejn tal-Istat Ġermaniż u, fl-assenza ta' djun reċiproċi, ma tistax titwettaq tpaċija.

54. Fit-talba għal deċiżjoni preliminari tagħha, il-qorti tar-rinviju ċċitat ukoll ċerti argumenti tal-Istat Belġjan fil-proċeduri ta' appell quddiemha. F'dan ir-rigward, il-qorti tar-rinviju ddikjarat li l-Istat Belġjan iddikjara li l-Liġi-Programm tas-27 ta' Diċembru 2004 u l-Liġi-Programm tat-22 ta' Diċembru 2008 jipprevedu sistema *sui generis* ta' tpaċija li ma teħtieġx reċiproċità bejn id-djun u t-talbiet fi kwistjonijiet fiskali. L-Istat Belġjan iddikjara li tpaċija hija għalhekk awtorizzata fir-rigward ta' tali talbiet suġġett għal talba għall-irkupru skont id-Direttiva 2010/24.

55. Fl-osservazzjonijiet bil-miktub tiegħu sottomessi lill-Qorti tal-Ġustizzja, il-Gvern Belġjan isostni li t-tielet domanda hija inammissibbli peress li l-qorti tar-rinviju ma spjegatx ir-regoli dwar it-tpaċija skont il-Kodiċi Ċivili Belġjan u ma spjegatx il-mekkaniżmu tat-tpaċija stabbilit fil-Liġi-Programm tas-27 ta' Diċembru 2004 u l-Liġi-Programm tat-22 ta' Diċembru 2008.

56. B'xi ftit eżitazzjoni nsib ruħi obbligat naqbel ma' din is-sottomissjoni. Fl-assenza ta' kwalunkwe spjegazzjoni reali fit-talba għal deċiżjoni preliminari jew, tabilħaqq, mill-proċess tal-Qorti tal-Ġustizzja ta' kif dan il-mekkaniżmu allegatament *sui generis* jopera u dwar jekk u, jekk huwa minnu, sa fejn huwa differenti mir-regoli ġenerali dwar il-kumpens stabbiliti fil-Kodiċi Ċivili Belġjan, jiena ninsab f'pożizzjoni fejn ma nistax nevalwa b'xi mod sinjifikattiv jekk dan il-mekkaniżmu jaqax taħt it-termini "setgħat [kompetenzi] u proċeduri" skont l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 13(1) tad-Direttiva 2010/24 jew, minflok, jikkostitwixxix preferenza għall-għanijiet tat-tielet subparagrafu tiegħu.

32 Ara, għal dan il-għan, is-sottomissjoni tal-Kummissjoni fil-punt 50 tal-osservazzjonijiet tagħha. Barra minn hekk, għalkemm ma huwiex applikabbli *ratione temporis* għall-istralċ ta' Pantochim, l-Artikolu 6 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1346/2000 tad-29 ta' Mejju 2000 dwar proċedimenti ta' falliment (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 19, Vol. 1, p. 191) huwa intitolat "Kumpens b'bilanċ", u l-paragrafu 1 tiegħu jipprovdi li "[l]-ftuħ ta' proċedimenti ta' falliment m'għandhomx jeffetwaw [jaffettwaw] id-dritt tal-krediturі li jinsistu fuq kumpens b'bilanċ tat-talbiet tagħhom kontra t-talbiet tad-debitur, meta kumpens b'bilanċ ikun permissibli bil-liġi applikabbli għat-talbiet tad-debitur fallut." L-Artikolu 43 ta' dan ir-regolament intitolat "Applikabilità fiż-żmien" jipprovdi li "[d]-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament għandhom japplikaw biss għal proċedimenti ta' falliment miftuħa wara d-dħul fis-seħħ tiegħu. Atti magħmula minn debitur qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament għandhom jibqgħu jiġu rregolati bil-liġi li tapplika għalihom fiż-żmien ta' meta saru." Ir-Regolament Nru 1346/2000 daħal fis-seħħ fil-31 ta' Mejju 2002. Ara l-Artikolu 47 tiegħu. Ir-Regolament Nru 1346/2000 ġie mħassar mir-Regolament (UE) 2015/848 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2015 dwar proċedimenti ta' insolvenza (ĠU 2015, L 141, p. 19, rettifika fil-ĠU 2016, L 349, p. 9). Ara wkoll l-Artikolu 9(1) tar-Regolament 2015/848 fir-rigward tat-tpaċija li huwa simili ħafna għall-Artikolu 6(1) tar-Regolament Nru 1346/2000. Skont l-Artikolu 84(1) tar-Regolament 2015/848, id-dispożizzjonijiet ta' dan "ir-Regolament għandhom japplikaw biss għal proċedimenti ta' insolvenza miftuħa wara s-26 ta' Ġunju 2017. Atti kommessi minn debitur qabel dik id-data għandhom jibqgħu jiġu rregolati bil-liġi li kienet applikabbli għalihom fiż-żmien ta' meta saru."

57. Il-Gvern Belġjan jiddikjara, bħala alternattiva għas-sottomissjoni tiegħu dwar l-inammissibbiltà, li l-mekkaniżmu *sui generis* sempliċement jissimplifika l-proċedura ta' rkupru u għaldaqstant ma għandux jiġi kkunsidrat bħala privileġġ (preferenza).

58. Jekk il-Qorti tal-Ġustizzja kellha tqis li t-tielet domanda hija ammissibbli u jekk, kif iddikjarat mill-Gvern Belġjan, il-mekkaniżmu kkonċernat sempliċement jissimplifika l-proċedura ta' rkupru u ma jagħtix drittijiet preferenzjali jew ta' prijorità fir-rigward tal-ordni jew tal-klassifikazzjoni tal-ħlas tat-talbiet tiegħu, jew inkella jippreferi lill-Istat Belġjan, hawnhekk kreditur, sussegwentement [33], fil-fehma tiegħi, dan il-mekkaniżmu jaqa' fil-kompetenzi u l-proċeduri msemmija fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 13(1) tad-Direttiva 2010/24.

59. Dan kollu jfisser li jkun f'idejn Stat Membru li, fir-regoli dwar il-ġbir tad-dejn nazzjonali tiegħu, jipprevedi kompetenza ġenerali ta' tpaċija fir-rigward tad-djun kollha u li jneħħi r-rekwiżit ta' reċiproċità, irrispettivament mill-identità tal-kreditur. *Jekk* dan kien fil-fatt l-effett tal-Liġi-Programm tas-27 ta' Diċembru 2004 u l-Liġi-Programm tat-22 ta' Diċembru 2008 – kwistjoni li għandha tiġi evalwata u ddeterminata kompletament mill-qrati nazzjonali – sussegwentement din il-kompetenza msaħħa ta' tpaċija jkollha tiġi meqjusa bħala parti mill-"kompetenzi u l-proċeduri" ordinarji previsti mid-dritt nazzjonali fir-rigward tal-insolvenza bil-mod previst fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 13(1) tad-Direttiva 2010/24.

60. Min-naħa l-oħra jista' jiġi nnotat li l-Kummissjoni ssostni li l-mekkaniżmu kkonċernat jidher li jagħti dritt preferenzjali ta' ħlas lill-Istat Belġjan li jidderoga mir-regoli ordinarji dwar it-tpaċija, u, għaldaqstant, għandu jitqies li jikkostitwixxi privileġġ (preferenza) għall-għanijiet tat-tielet subparagrafu tal-Artikolu 13(1) tad-Direttiva 2010/24 [34]. Filwaqt li huwa ta' dispjaċir li l-kwistjoni għandha tiġi indirizzata fuq bażi purament ta' ipoteżi, jekk l-effett tal-Liġi-Programm tas-27 ta' Diċembru 2004 u l-Liġi-Programm tat-22 ta' Diċembru 2008 kellu jagħti dritt preferenzjali jew imsaħħaħ ta' tpaċija favur l-Istat Belġjan li ma ġiex imgawdi minn krediturі oħrajn billi jitneħħa r-rekwiżit ta' reċiproċità ta' dejn, fil-fehma tiegħi, sussegwentement, dan ikun jikkostitwixxi "preferenza" skont it-tifsira tat-tielet subparagrafu tal-Artikolu 13(1) tad-Direttiva 2010/24.

61. Naturalment, anki jekk dan kien minnu, dan *minnu nnifsu* ma jibdel xejn għaliex għandu jitfakkar li t-tielet subparagrafu tal-Artikolu 13(1) tad-Direttiva 2010/24 jipprovdi *wkoll* li l-Istati Membri li lihom issir it-talba ma għandhomx għalfejn jagħtu tali drittijiet preferenzjali fir-rigward ta' talbiet simili tal-Istat Membru li jagħmel it-talba sakemm ma jkunx ġie miftiehem b'mod speċifiku mod ieħor mill-Istati Membri kkonċernati jew tali drittijiet preferenzjali fir-rigward tat-talbiet tal-Istat Membru li jagħmel it-talba huma pprovduti fid-dritt tal-Istat Membru li lilu ssir it-talba.

62. Suġġett għal verifika mill-qorti tar-rinviju, mill-proċess quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja u b'mod partikolari mill-Artikolu 15 tal-Liġi tal-20 ta' Lulju 1979 jidher [35], li skont l-ordinament ġuridiku Belġjan, it-talbiet ta' Stat Membru li jagħmel it-talba fil-fatt *ma jibbenefikawx* minn tali preferenza jew privileġġ [36].

33 Sitwazzjoni li għandha tiġi vverifikata mill-qorti tar-rinviju.

34 Il-Kummissjoni tqis li hija l-qorti tar-rinviju li għandha tevalwa jekk il-mekkaniżmu ta' tpaċija kkonċernat jikkostitwixxix preferenza. Ara l-paragrafu 47 tal-osservazzjonijiet tal-Kummissjoni.

35 Ara wkoll l-Artikolu 20(1) tal-Loi transposant la Directive 2010/24/UE du Conseil du 16 mars 2010 concernant l'assistance mutuelle en matière de recouvrement des créances relatives aux taxes, impôts, droits et autres mesures du 9 janvier 2012 (il-Liġi li tittrasponi d-Direttiva tal-Kunsill 2010/24/UE tas-16 ta' Marzu 2010 dwar l-assistenza reċiproka għall-irkupru ta' talbiet relatati ma' taxxi, dazji u miżuri oħra tad-9 ta' Jannar 2012) li jipprovdi wkoll, suġġett għal verifika mill-qorti tar-rinviju, li talbiet barranin li għalihom tintalab assistenza *ma għandhom* igawdu minn ebda privileġġ.

36 Il-Gvern Belġjan, fil-paragrafu 51 tal-osservazzjonijiet tiegħu quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, iddikjara wkoll li t-talbiet ta' Stat Membru li jagħmel it-talba *ma jibbenefikawx* minn xi "privileġġ".

63. Barra minn hekk, fl-assenza ta' kwalunkwe formulazzjoni għal dan il-għan, it-tielet subparagrafu, b'mod simili għall-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 13(1) tad-Direttiva 2010/24 ma jibdilx il-kwalità jew ir-riżultat fit-trasferiment tat-talba tal-Istat Membru li jagħmel it-talba lill-Istat Membru li lilu ssir it-talba. Għalhekk jirriżulta li tali preferenzi ma jistgħux jirriżultaw fit-talba tal-Istat Membru li jagħmel it-talba li tikseb il-kwalità ta' talba tal-Istat Membru li lilu ssir it-talba. Għall-finijiet ta' ċarezza, jiena nqis ukoll, li fid-dawl tal-għan tad-Direttiva 2010/24, li huwa li tiżgura, *inter alia*, li l-Istat Membru li lilu ssir it-talba jassisti lill-Istat Membru li jagħmel it-talba fl-irkupru tat-talbiet ta' dan tal-aħħar, l-għoti ta' preferenzi skont it-tielet subparagrafu tal-Artikolu 13(1) tad-Direttiva 2010/24 għandu jaħdem għall-benefiċċju, u mhux għad-detriment tal-Istat Membru li jagħmel it-talba.

VI. Konklużjoni

64. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, nipproponi li d-domandi magħmula mill-Cour de cassation (il-Qorti tal-Kassazzjoni, il-Belġju) jingħataw risposti kif ġej:

L-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 13(1) tad-Direttiva tal-Kunsill 2010/24/UE tas-16 ta' Marzu 2010 dwar l-assistenza reċiproka għall-irkupru ta' talbiet relatati ma' taxxi, dazji u miżuri oħra, li jipprovdi li "kwalunkwe talba li għaliha tkun saret rikjesta għall-irkupru għandha tiġi ttrattata daqslikieku kienet talba tal-Istat Membru rikjest" għandu jiġi interpretat bħala li jfisser li l-Istat Membru tal-aħħar għandu jagħmel użu mill-kompetenzi u l-proċeduri pprovduti taħt il-liġijiet, ir-regolamenti jew id-dispożizzjonijiet amministrattivi li japplikaw għat-talbiet li jikkonċernaw taxxi jew dazji identiċi jew simili fl-ordinament ġuridiku tiegħu. L-ewwel u t-tielet subparagrafu tal-Artikolu 13(1) tad-Direttiva 2010/24 għandhom jiġu interpretati bħala li jfissru li t-talba tal-Istat Membru li jagħmel it-talba, madankollu, ma tiksibx il-kwalità ta' talba sostantiva tal-Istat Membru li lilu ssir it-talba.

It-terminu "preferenzi" fit-tielet subparagrafu tal-Artikolu 13(1) tad-Direttiva 2010/24, jirreferi għal kwalunkwe mekkaniżmu li, f'każ ta' talbiet kompetituri, għandu bħala effett li jwassal għal ħlas preferenzjali tat-talba tal-Istat Membru li lilu ssir it-talba. Dan ikun jinkludi, iżda ma huwiex limitat għal, drittijiet preferenzjali jew ta' prijorità mogħtija lit-talbiet tal-Istat Membru li lilu ssir it-talba fir-rigward tal-ordni jew tal-klassifikazzjoni tal-ħlas tagħhom fir-rigward tas-sistema ta' insolvenza ta' dan l-Istat Membru. L-Istat Membru li lilu ssir it-talba jista' – iżda ma huwiex meħtieġ li – jagħti tali drittijiet preferenzjali jew ta' prijorità fir-rigward tat-talbiet tal-Istati Membri li jagħmlu t-talba.

Il-kompetenza ġenerali għat-tpaċija ta' talbiet reċiproċi jew mutwi skont id-dritt nazzjonali hija parti mill-kompetenzi u l-proċeduri disponibbli fid-dritt nazzjonali għall-irkupru mhux biss tat-talbiet tal-Istat Membru li lilu ssir it-talba iżda wkoll għat-talbiet ta' krediturі oħrajn fejn jeżistu talbiet reċiproċi jew mutwi u taqa', fil-prinċipju, taħt l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 13(1) tad-Direttiva 2010/24.

Mekkaniżmu li sempliċement jissimplifika l-proċedura ta' rkupru u ma jagħtix drittijiet preferenzjali jew ta' prijorità fir-rigward tal-ordni jew tal-klassifikazzjoni tal-ħlas tat-talbiet tal-Istat Membru li lilu ssir it-talba jaqa' fil-kompetenzi u l-proċeduri msemmija fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 13(1) tad-Direttiva 2010/24.

It-tielet subparagrafu tal-Artikolu 13(1) tad-Direttiva 2010/24 ma jibdilx il-kwalità jew ir-riżultat fit-trasferiment tat-talba tal-Istat Membru li jagħmel it-talba lill-Istat Membru li lilu ssir it-talba. Fid-dawl tal-għan tad-Direttiva 2010/24, li huwa li tiżgura, *inter alia*, li l-Istat Membru li lilu ssir it-talba jassisti lill-Istat Membru li jagħmel it-talba fl-irkupru tat-talbiet ta' dan tal-aħħar, l-għoti ta' preferenzi skont it-tielet subparagrafu tal-Artikolu 13(1) tad-Direttiva 2010/24 għandu jaħdem għall-benefiċċju, u mhux għad-detriment tal-Istat Membru li jagħmel it-talba.